MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 457/2014

**Monica BORG**

**Vs**

**Dario BORG**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' disa mija hamsa u ghoxrin euro u sebgha u disghin centezmi ta' euro [€925.97c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "It-Tribunal huwa mitlub I jikkundanna lil konvenut jhallas lil attrici s-somma ta' disgha mija u hamsa u ghoxrin euro u sebgha u disghin centezmu (€925.97) rapprezentanti nofs l-ispejjez medici u edukattivi skont kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 6 ta' Mejju 2014 u l-imghax u l-konvenuta ingunta in subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fid-29 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Il-konvenut qieghed jikkontesta l-kontijiet illi l-attrici qieghda tipprova tadossa lilu permezz ta' dawn il-proceduri, stante illi dawn effettivament m'humiex dovuti, hekk kif ser jigi pprovat waqt dawn il-proceduri;

In linea sussidjarja, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas ta' imghax hija opposta ghaliex ebda imghax ma jghaddi jekk il-likwidazzjoni maghmula mill-kreditur hija skorretta bhal fil-kaz odjern;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici, skond il-principji tal-ligi, gustizzja u l-ekwita";

Ra l-verbal tal-4 ta' Frar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €925.97c rapprezentanti nofs l-ispejjez medici u edukattivi skont kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-kontendenti. L-intimat laqgha ghal din it-talba billi qal li huwa qieghed jikkontesta l-kontijiet tar-rikorrenti stante illi dawn effettivament m'humiex dovuti. Ghalhekk talab li t-Talba taghha tigi michuda bl-ispejjez kontriha.

Ikkunsidra;

1. Mill-atti tal-kawza jirrizulta s-segwenti:

   i. B'kuntratt datat 15 ta' Gunju, 2012, fl-atti tan-Nutar James Grech, il-partijiet kienu nfirdu.

   ii. Ghandhom zewgt it-tfal, Daria u Mauro. Fiz-zmen ta' l-iffirmar tal-kuntratt, il-miuri kellhom hmistax (15) u tlettax (13)-il sena.

   iii. Skond il-klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Gunju, 2012:

   "*Flimkien mal-manteniment fuq stipulat, u dment li jkun ghadu pagabbli tali manteniment, ir-Ragel jobbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez medici straordinarji li jigu nkorsi mill-Mara ghall-bzonnijiet ta' l-ulied, inkluz nofs l-ispejjez tal-vitamini ta' binthom sa mhux iktar minn seba' euro u hamsin centezmu (€7.50) fix-xahar, kif ukoll in-nofs ta' l-ispejjez edukattivi bazici (kotba, stationery, uniformijiet, ecc) u n-nofs ta' l-ispejjez edukattivi li jsiru bi qbil bejn iz-zewg partijiet; ghar-rimbors ta' nofs l-ispejjez imsemmija f'dan il-paragrafu, il-Mara ghandha tipprezenta r-ricevuti originali lir-Ragel sa l-ahhar tax-xahar li fih tkun inkorriethom, u r-Ragel jobbliga ruhhu li jhallas tali spejjez sa l-ahhar tax-xahar sussegwenti;*"

   iv. Skond id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri, hija qeghda titlob is-segwenti hlasijiet minghand l-intimat:

   <u>Hlasijiet koperti bl-ircevuti</u>

| Isem fuq l-ircevuta | Ammont | Data | Beneficcju ta' | Fol. Nru | Dokument Nru. |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Tat-Targa Pharmacy | €91.80 | 04.02.2014 | Ma hemmx indikat | 19 | MB 2 |
| Tat-Targa Parmacy | €65 | 26.03.2014 | Ma hemmx indikat | 20 | MB 3 |
| St. James Hospital | €45 | 10.4.2014 | Mauro | 21 | MB 4 |
| School Form | €3 | 11.11.2013 | Mauro | 22 | MB 5 |
| Photocopies School | €25 | 25.09.2013 | Mauro | 23 | MB 6 |
| Paper | €1.80 | 30.09.2013 | Ma hemmx indikat | 23 | MB 6 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Optika | €127 | Ma hemmx data | Mauro | 23 | MB 6 |
| Colours Stationery | €4.50 | 07.10.2013 | Ma hemmx indikat | 23 | MB 6 |
| Tat-Targa Pharmacy | €27.62 | 10.12.2013 | Ma hemmx indikat | 23 | MB 6 |
| Colours Stationery | €8.25 | 07.10.2013 | Ma hemmx indikat | 24 | MB 7 |
| St. James Hospital | €45 | 07.03.2014 | Monica Borg | 24 | MB 7 |
| Dr. Edward Cassar Delia | €225 | 22.04.2014 | Mauro | 25 | MB 8 |
| | | | | | |
| TOTAL | €668.97 | | | | |
| Nofs | €334.48c | | | | |

A fol. 24 tal-process hemm il-kliem "*Another receipt here with the amount of €21.28*". Jekk thares lejn il-karta mill-vicin, verament tidher li hemm xi tip ta' ricevuta, pero ma jidher xejn. Fic-cirkustanzi, t-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ta' din l-hekk imsejha ricevuta.

<u>Hlasijiet mhux koperti bl-ircevuti</u>

Ir-rikorrenti tghid ukoll li hija qeghda tippretendi nofs il-hlas ta' l-ammont ta' €1431.17 u cioe €715.58c. Dan l-ammont, ir-rikorrenti qeghda tippretendih ghas-segwenti:

| Oggett | Ammont |
|---|---|
| | |
| Computer bil-Printer | €1180 |
| Zrbun ta' l-iskola | €35.50 |
| Medicina | €41 |
| Spejjez Medici | €130 |
| Ingwanti/Shin Guards ghal-P.E. | €10 |
| Uniformi | €10 |
| Spejjez Medici Ohra | €15 |
| Ktieb minghand il-Merlin | €9.67 |
| | |
| TOTAL | €1431.17c |
| Nofs | €715.58c |

Minn dan l-ammont ta' €715.58c ir-rikorrenti naqset l-ammont ta' €245 li huwa l-hlas li l-intimat ghamel ghall-insurance tal-minuri Dario. B'hekk jigi l-ammont ta' €470.58c. It-Tribunal jirrileva li fid-dokument li jinsab esebit a fol. 26, presumibilment dak id-dokument li r-rikorrenti ssejjah bhala dok. MB 10, meta jinghaddu c-cifri indikati fil-parti ta' taht ta' dak l-istess dokument,

ma tigiex is-somma ta’ €1495 izda s-somma ta’ €1,431.17c. Jidher ghalhekk li r-rikorrenti ghamlet kalkolazzjoni zbaljata meta hija hadmet dan id-dokument.

v. Fl-affidavit taghha, **r-rikorrenti** tghid li minkejja li hija kienet tghaddi r-ricevuti lil zewgha l-intimat, huwa xorta wahda ma kienx qieghed jaghmel il-hlasijiet kif miftiehma minnhom fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom. Wara li huwa waqaf jaghmel dawn il-hlasijiet ma baqghetx taghtih r-ricevuti u bdiet izzommhom hi. B’hekk, kompliet tghid ir-rikorrenti, hija ma kellhiex l-ircevuti kollha a disposizzjoni taghha – u li taghhom qeghda tressaq it-Talba odjerna – u dan peress li kien zammhom l-intimat.

Ziedet tghid li skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, l-intimat kellhu jhallas l-ammont ta’ €7.50 fix-xahar ghall-vitamini tal-minuri Daria, izda dan l-ammont ilu ma jithallas minnu ghal dawn l-ahhar sentejn u cioe minn meta l-minuri kellha 16-il sena. Dwar il-vitamini, r-rikorrenti qalet li hija ma ghandhiex kopja tar-ricevuti l-ghaliex kienet ghaddiet parti minnhom lill-intimat u ma zammitx rendikont ta’ dawn is-sentejn shah.

Dwar id-dokumenti immarkati bhala MB 2 sa MB 8 (fol. 19 – 25) dawn kienu spejjez in konnessjoni mat-tfal, l-aktar tal-minuri Mauro.

B’referenza ghas-somma ta’ €502.50c li r-rikorrenti ssemmi fl-affidavit taghha, liema somma hija spjegata fid-dokument a fol. 26 tal-process hija tghid li ma ghandhiex kopja ta’ dawn ir-ricevuti.

vi. **Daria Borg**, bint ir-rikorrenti qalet li xi sena qabel ma xehdet, hi u huha kellhom bzonn computer gdid peress li dak li kellhom kien thassar. Qalet li ommha r-rikorrenti kienet ippruvat tirrangah izda kien ta’ xejn. Qalet li

ommha kienet cemplet lil missierha biex tghidlu li hi u huha kellhom bzonn *computer* gdid u talbitu jaqsam l-ispiza maghha. Qalet li "*jien stajt nisma l-konversazzjoni kollha. Missieri ma ried ihallas xejn u fil-fatt ommi u missieri bdew jillatikaw*" (fol. 27). Minkejja dan, ommha xorta wahda ordnat laptop bil-printer u marret maghha biex tigborhom. Dawn swew, tkompli tghid bint il-kontendenti €1,200 b'kollox. Fl-affidavit taghha, mahluf fl-10 ta' Ottubru, 2014, hija qalet li kienet ilha tahdem full time ghal tlett (3) xhur.

vii. **L-intimat** qal li ghar-rigward tal-vitamini tat-tifla Daria, huwa kien ircieva l-ahhar ricevuta fis-sena 2013. Qal li hu ghad ghandu uhud minn dawn ir-ricevuti u li dejjem hallas sehemu minnhom. Zied jghid li la r-rikorrenti ma taghtux aktar ricevuti, u lanqas esebithom "*... mhux tort tieghi li jiena ma hallastx u ma kellhiex ghalfejn taghmel kawzi!*" (fol. 29).

Fir-rigward tal-computer, l-intimat jishaq li huwa ma ghandux jigi mgieghel ihallas ghal nofsu u dan peress li (1) huwa ma kienx qabel mal-fatt li jinxtara dan il-computer il-gdid (2) li huwa kien lest li jiehu l-computer ghat-tiswija izda r-rikorrenti ma ghaddietlux dan il-computer biex ikun jista jaghmel dan. Qal li b'hekk huwa ma setax ikollu konferma li dan il-computer verament ma kienx qieghed jahdem; (3) ma giex ikkonsultat dwar x'tip to computer kien ser jinxtara jew kemm kien ser jiswa; (4) il-prezz huwa esagerat; (5) qatt ma rcieva ricevuta fiskali ghal dan il-*computer*; (6) il-prezz varja diversi drabi;

L-intimat esebixxa ittra mibghuta mid-difensur tar-rikorrenti datata 17 ta' Settembru, 2013 (dok. DB 3 a fol. 34) fejn tghid fost affarijiet ohra "*Nirriferi ghall-komunikazzjoni li kellkom dan l-ahhar rigwardanti l-ispejjeztat-tfal peress illi l-klijenta tieghi hallset il-*

*computer ammontanti ghal €1,118. Jidher li wasaltu ghal qbil fis-sens illi inti thallas l-insurance tat-tfal li jammonta ghal €245 kull wiehed. Jekk isir hekk tkun qisu qsamtu dawn iz-zewg spizi*” (fol. 34). Qal li huwa kien hallas l-insurance u r-rikorrenti ma taghtux sehmha mill-ispejjez involuti fil-hlas ta’ l-imsemmija insurance. Qal li wara s-17 ta’ Settembru, 2013 huwa ma regghax ircieva ricevuta minghand ir-rikorrenti. zZied ighid li anke dan il-computer il-gdid inqalatlu l-hsara. Wara huwa rcieva ittra datata 21 ta’ April, 2014 b’diversi ricevuti, nkluzi dawk ghas-sena 2013, kopja ta’ liema, gew esebiti fl-atti ta’ din il-kawza. Dan, kompla jghid l-intimat, imur kontra dak li jghid il-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom u dan peress li r-rikorrenti kellha taghtih kopja tar-ricevuti “... *sa l-ahhar tax-xahar sussegwenti*” (fol. 30).

Ghar-rigward tar-ricevuti in konnessjoni mal-*istationery*, l-intimat qal li l-ircevuti ma fihomx dettal ta’ l-oggetti li nxtraw u ghalhekk ma jistax jghid jekk dawn intefqux fuq it-tfal. Imbaghad ghar-rigward ta’ l-ispejjez medici, l-intimat qal li dawk l-ircevuti “... *m’humiex ta’ natura straordinarja u jiena obbligajt ruhi li nhallas biss ghall-ispejjez straordinarji u l-vitamini tat-tifla*” (fol. 30).

L-intimat qal ukoll li d-dokument esebit ma’ l-affidavit tar-rikorrenti huwa biss prospett, ma fih l-ebda data u lanqas ma giet esebita xi ricevuta in sostenn tieghu.

Fir-rigward tad-dokumenti mmarkati bhala MB4, MB7 u MB 8 l-intimat qal li skond l-ittra li baghtet ir-rikorrenti fis-17 ta’ Settembru, 2013, dawn l-ispejjez kellha thallashom l-istess rikorrenti. Qal li r-rikorrenti lanqas biss gharrfitu li binhom kien qieghed jattendi ghand terapista. Minkejja dan, huwa xorta wahda attenda u hallas dawn it-tlett ricevuti permezz ta’ cekk.

In kontro-ezami, l-intimat qal li sakemm kien ghadu d-dar, it-tifla tal-kontendenti kienet tiehu l-vittamini. Kompla jghid li x'ghamlet wara li telaq huwa ma jafx.

Ghar-rigward tal-hlas ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja tat-tfal, l-intimat qal li minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, huwa dejjem hallas l-mizata dovuta kull sena.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Jibda biex jinghad li f'sitwazzjonijiet bhal ma ghandu t-Tribunal quddiemu huwa ta' importanza vitali li jkun hemm ricevuti cari, dettaljati u li jaghtu spjegazzjoni adegwata lill-parti l-ohra li tkun qeghda tintalab il-hlas ta' sehemha mill-ispejjez. Sfortunatament fil-kaz odjern, ma hemmx din ic-carezza fl-ircevuti esebiti u ghalhekk inholoq id-disgwid li hemm bejn il-partijiet fil-kaz odjern.

3. Il-kontestazzjoni principali bejn il-kontendenti hija l-computer. Filwaqt li r-rikorrenti tishaq li l-intimat ghandu jaghtiha nofs l-ispiza ghal dan l-apparat, l-intimat irrifjuta li jaghmel dan. Huwa qal li r-rikorrenti xtrat dan il-computer minghajr il-kunsens tieghu. Apparti dan, meta huwa talab lir-rikorrenti sabiex taghtih il-computer il-qadim taghhom biex jara jekk jistax jittranga, hija ma ghamlitx dan. Qal ukoll li l-ispiza kienet wahda esagerata u li l-ispiza ta' dan l-apparat ma taqax fit-termini tal-kuntratt. Biex imbaghad ma jkunx hemm disgwid, l-ahjar haga li jkun hemm, meta l-ispejjez isiru bi qbil, il-parti li tkun ser taghmel l-ispiza tottjeni preventivament il-kunsens tal-parti l-ohra bil-miktub.

4. Il-klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Gunju, 2012 tghid hekk:

"*Flimkien mal-manteniment fuq stipulat, u dment li jkun ghadu pagabbli tali manteniment, ir-Ragel jobbliga ruhu:*

- *li jhallas nofs l-ispejjez <u>medici straordinarji</u> li jigu nkorsi mill-Mara ghall-bzonnijiet ta' l-ulied, inkluz nofs l-ispejjez tal-vitamini*

*ta' binthom* <u>*sa mhux iktar*</u> *minn seba' euro u hamsin centezmu (€7.50) fix-xahar, kif ukoll*

- *in-nofs ta' l-ispejjez* <u>*edukattivi bazici*</u> *(kotba, stationery, uniformijiet, ecc) u*
- *n-nofs ta' l-ispejjez* <u>*edukattivi li jsiru bi qbil*</u> *bejn iz-zewg partijiet;*
- <u>*ghar-rimbors*</u> *ta' nofs l-ispejjez imsemmija f'dan il-paragrafu,* <u>*il-Mara ghandha tipprezenta r-ricevuti originali*</u> *lir-Ragel sa l-ahhar tax-xahar li fih tkun inkorriethom, u r-Ragel jobbliga ruhhu li jhallas tali spejjez sa l-ahhar tax-xahar sussegwenti;*"

5. L-intimat jilmenta, gustament, li r-rikorrenti ghaddietlu partita ricevuti wara diversi xhur u mhux "*sa l-ahhar tax-xahar li fih tkun inkorriethom*" kif kienet obbligat ruhha li taghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Maghdud dan, ma hemm xejn fil-kuntratt ghar-rigward ta' xi konsegwenzi ghal dan in-nuqqas tar-rikorrenti. Jinghad biss mit-Tribunal li huwa ta' importanza massima li l-partijiet jaderixxu ruhhom skrupolozament ma dak li jghid il-kuntratt sabiex jigu evitati litigji bla bzonn.

6. Nibdew biex nikkunsidraw l-ispiza tal-computer li hija l-ikbar spiza minn dawk kollha li qeghda titlob ir-rikorrenti. Fil-fehma tat-Tribunal, spiza ta' *computer* ma tistax taqa fid-definizzjoni ta' "*spejjez edukattivi bazici*". Jifdal ghalhekk jigi deciz jekk dan l-akkwist jaqax taht id-definizzjoni l-ohra li tinsab fl-istess paragrafu tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u cioe "*spejjez edukattivi li jsiru bi qbil*". Fin-nota minnha mressqa fis-27 ta' Jannar, 2015, ir-rikorrenti tishaq li "*rigwardanti l-ispiza tal-computer jigi rilevat illi dan kien effettivament mehtieg mit-tifel Mauro minhabba projects ta' l-iskola fejn jigu mitluba specifikatament li jfittxu fuq l-internet*" (fol. 61). Fl-affidavit taghha pero r-rikorrenti ma ssemmi xejn min dan u kien biss fin-nota taghha li hija resqet dan il-punt. Daria Borg, bint il-kontendenti qalet li hija tiftakar lill-ommha r-rikorrenti ccempel lil missierha l-intimat u tistaqsieh sabiex jaqsam l-ispiza maghha. Qalet li semghet il-konversazzjoni kollha u fil-fatt tghid li "*missieri ma ried ihallas xejn u fil-fatt ommi u missieri bdew jillatikaw*" (fol. 27). Ommha, kompliet tghid bint il-kontendenti, qabdet u marret xtrat laptop bil-printer

li sewa €1,200 b'kollox. Jidher bic-car, li din l-ispiza ser ikollha terfaha wahedha r-rikorrenti l-ghaliex ma kienx hemm qbil bejn il-kontendenti dwarha.

7. Ghar rigward tal-vittamini, r-rikorrenti, fil-verbal tal-21 ta' Jannar 2015 iddikjarat li "*dan l-ammont qed jintalab mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni (15.6.2012)*" u ziedet tghid f'dan ir-rigward illi "*l-ircevuti ghax-xiri ta' dawn il-vitamini hija m'ghandhiex*" (fol. 55). Kif diga rajna aktar il-fuq, l-intimat huwa obbligat li jhallas ghal dawn l-ispejjez li huwa jinghata ricevuta ghalihom. F'dan il-kaz, l-intimat kien obbliga ruhhu li jhallas ghal vittamini tat-tifla "*sa mhux iktar minn seba' euro u hamsin centezmu (€7.50) fix-xahar*". L-ircevuti ghall-vitamini mhux xi haga difficli li jkunu fil-pussess tar-rikorrenti, izda f'dan il-kaz ma esebiet xejn ghax ma kellhiex. Fl-affidavit taghha, r-rikorrenti tghid li "... *dwar il-vitamini dawn ilhom ma jithallsu ghal dawn l-ahhar sentejn minn mindu t-tifla kellha 16 il-sena. Nispjega pero li m'ghandix aktar kopji tal-ircevuti kollha tal-vitamini ghaliex l-originali kont ghaddejthom lil Dario u ma zammejtx rendikont ta' sentejn shah*" (fol. 11). It-tifla tal-kontendenti fl-affidavit taghha, iffukat biss fuq il-computer u l-printer u dwar vitamini ma semmiet xejn. Fil-kotro-ezami tieghu, l-intimat qal li sakemm huwa kien id-dar, bintu kienet tiehu l-vittamini "... *pero x'ghamlet wara ma nafx*" (fol. 56). It-Tribunal f'dan l-istat ta' incertezza ma jistax jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

8. Ta' l-istess fehma huwa t-Tribunal ghal-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti fejn ma hemmx ricevuti. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li zzomm ir-ricevuti u jekk din, kif tghid kienet ghaddiethom lil zewgha, fatt li baqa qatt ma gie mistoqsi dwaru fil-kontro-ezami tieghu, hija messha zammet l-original u ghaddietlu kopja jew inkellha jekk ghaddietlu l-original messha zammet kopja. F'din l-incertezza, t-Tribunal ma jistax jasal biex jilqa din il-parti tat-Talba tar-rikorrenti.

9. Oltre dan, tajjeb li ssir referenza ghall-ittra datata 17 ta' Settembru, 2013 (dok. DB3 a fol. 34) mibghuta mid-difensur tar-rikorrenti lill-intimat. Fiha jinghad li l-partijiet kienu waslu ghal qbil "... *fis-sens illi inti thallas l-insurance tat-tfal li jammonta ghal €245 kull wiehed. Jekk isir hekk tkun qisu qsamtu dawn iz-zewg spizi*" (fol. 34). L-intimat hekk ghamel u hallas

l-insurance tat-tfal, fatt dan rikonoxxut mill-istess rikorrenti. Ghalhekk mhux gust li issa r-rikorrenti tmur lura minn kelmtha u titlob lill-intimat nofs l-ispejjez li saru sa din id-data tas-17 ta' Settembru, 2013 meta huwa wettaq il-parti tieghu mill-ftehim milhuq. Ghalhekk ukoll, it-talba tar-rikorrenti ghar-rigward ta' l-ispejjez hawn fuq indikati ma tistax tirnexxi.

10. Ghar-rigward tal-ammonti li dwarhom hemm ir-ricevuti u li jinsabu elenkati fit-tabella hawn taht riportata:

| Isem fuq l-ircevuta | Ammont | Data | Beneficcju ta' | Fol. Nru | Dokument Nru. |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Tat-Targa Pharmacy | €91.80 | 04.02.2014 | Ma hemmx indikat | 19 | MB 2 |
| Tat-Targa Parmacy | €65 | 26.03.2014 | Ma hemmx indikat | 20 | MB 3 |
| St. James Hospital | €45 | 10.4.2014 | Mauro | 21 | MB 4 |
| School Form | €3 | 11.11.2013 | Mauro | 22 | MB 5 |
| Photocopies School | €25 | 25.09.2013 | Mauro | 23 | MB 6 |
| Paper | €1.80 | 30.09.2013 | Ma hemmx indikat | 23 | MB 6 |
| Optika | €127 | Ma hemmx data | Mauro | 23 | MB 6 |
| Colours Stationery | €4.50 | 07.10.2013 | Ma hemmx indikat | 23 | MB 6 |
| Tat-Targa Pharmacy | €27.62 | 10.12.2013 | Ma hemmx indikat | 23 | MB 6 |
| Colours Stationery | €8.25 | 07.10.2013 | Ma hemmx indikat | 24 | MB 7 |
| St. James Hospital | €45 | 07.03.2014 | Monica Borg | 24 | MB 7 |
| Dr. Edward Cassar Delia | €225 | 22.04.2014 | Mauro | 25 | MB 8 |
| | | | | | |
| TOTAL | €668.97 | | | | |
| Nofs | €334.48c | | | | |

Jinghad li skond l-imsemmija klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti ghar-rigward ta' l-ispejjez medici jitkellem dwar "*spejjez medici straordinarji*". It-Tribunal ra d-dokumenti esebiti ghar-rigward ta' spejjez medici u cioe dok. MB 2 (fol. 19), dok. MB 3 (fol. 20), dok. MB 4 (fol. 21), dok. MB 7 (fol. 24) u dok. MB 8 (fol. 25), u ghar-rigward tad-dokumenti MB 2, MB 3, MB 4 u MB 7 ma huwiex qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti l-ghaliex mir-ricevuti esebiti ma jirrizultax x'kien l-iskop ghal dan l-infieq u jekk dawn kienux straordinarji. Ghar-rigward tad-Dok. MB 8, dan jikkwalifika fil-fehma tat-Tribunal bhala spiza medika straordinarja l-ghaliex jirrizulta bic-car li iben il-kontendenti Mauro ghamel spinal scan u inxtrawlu s-suletti. Dawn mhux xi haga ta' kuljum. Dan id-dokument MB 8 fih total ta' €225 u nofshom jigu €112.50c. Issa l-intimat esebixxa kopja tal-istatement tal-bank tieghu fejn hemm indikat hlas ta' €113 fil-5 ta' Mejju, 2014 (fol. 49). It-Tribunal huwa tal-fehma li dan l-ammont thallas mll-intimat bhala sehmhu mill-ispiza li kienet saret ghal minuri Mauro mat-Tabib Cassar Delia.

Ghar-rigward ta’ l-ispiza tan-nuccali tal-vista fl-ammont ta’ €127 (dok. MB 6) jinghad li din l-ircevuta ma ghandhiex data, pero, din tikkwalifika bhala spiza straordinarja. Persuna ma tixtriex nuccali tal-vista kuljum. Ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi diviz bejn iz-zewg partijiet. Konsegwentement, l-intimat irid ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €63.50c.

Finalment, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez li saru ghar-rigward tad-dokumenti MB 5 (fol. 22) u MB 6 (fol. 23) limitatament ghall-fotokopji ta’ l-iskola. Dawn iz-zewg dokumenti jammontaw ghal €28. Konsegwentement, l-intimat irid ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €14.
Ghal kumplament tar-ricevuti, ghalkemm dawn jindikaw li saru ghal affarijiet ma stationery, it-Tribunal, bhal ma kellhu diga okkazzjoni jesprimi ruhhu aktar il-fuq f’din is-sentenza ma huwiex sodisfatt li dawn l-ispejjez verament saru fl-intier taghhom ghal ulied il-kontendenti. Dawn l-ircevuti, komplessivament jammontaw ghal €14.55 u stante l-ammont zghir taghhom, sejjer jordna lill-intimat sabiex jaqsam dan l-ammont flimkien mar-rikorrenti. B’hekk l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti s-somma ta’ €7.27c f’dan ir-rigward.

B’kollox ghalhekk, l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €84.77c.

It-Tribunal jittama li jekk ir-rikorrenti ghadha tibghat ricevuti lill-intimat, hija zzomm kopja taghhom u tara li r-ricevuti jkunu ferm iktar dettaljati milli dawk esebiti minnha. Maghdud dan, it-Tribunal jirrileva li l-intimat baqa jhallas l-insurance tat-tfal u r-rikorrenti qatt ma ghaddietlu sehmha minn din l-ispiza. Dan kif ikkonfermat minnha stess.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ erbgha u tmenin euro u sebgha u sebghin centezmu ta’ euro [€84.77c] u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ erbgha u tmenin euro u sebgha u sebghin centezmu ta’ euro [€84.77c] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mil-lum.

L-ispejjez, in vista tac-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------